VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,824, 1 ta' Novembru, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 421 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Emenda Nru.2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Emenda Nru.2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem msejħa bħala "r-regolamenti prinċipali". L.S. 504.71.

Emenda tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fil-*proviso* tal-paragrafu (b) tas-subregolament (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Ministru għall-inqas ġimgħatejn qabel ma jkun propost li jibda l-istaġun miftuħ li fih tkun permessa l-kaċċa" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Ministru għall-inqas ġimgħatejn qabel ma jkun propost li jibda l-istaġun miftuħ li fih ikun permess l-insib".